MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 9/2009/2

**Violet Camilleri illum Galea**

**v.**

**Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Din hija talba ad istanza tal-intimat Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija deciza fit-2 ta' Lulju, 2010 minn din il-Qorti kif diversament komposta billi qed jintalab li dik is-

sentenza tigi revokata, ikkancellata u mhassra billi hija vizzjata ai termini tal-Artikolu 811(e), (f) u (g) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza skont il-ligi.

Ghal ahjar intendiment ta' din is-sentenza qed tigi riprodotta *in toto* s-sentenza tat-2 ta' Lulju, 2010 fejn jinghad hekk:

"1.1. Din hija decizjoni dwar appell interpost mill-Avukat Dottor Kevin Mompalao bhala terz interessat minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Sezzjoni Familja, in data tad-29 ta' Jannar 2010, fil-kawza fl-ismijiet premessi, ghal fini ta' revoka, in kwantu dik il-Qorti kienet iddecidiet kif gej:

"(g)hal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti u thassar it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti u tordna li r-rikonvenzjoni in kwantu tirreferi ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qsim tal-gid, ma tigix intaxxata *ad valorem*.

"Spejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa."

"1.2. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza appellata qeghda tigi hawn taht riportata *in toto* kif gej,

""Permezz ta' rikors prezentat minn Violet Camilleri fit-30 ta' Novembru 2009 talbet li din il-qorti tordna r-ritassa tad-dritt tal-avukat fil-kawza fl-ismijiet **Violet Camilleri vs Mario Camilleri** (Rikors numru: 9/2009AE). L-ilment tar-rikorrenti hu li r-Registratur ntaxxat ghal darbtejn it-talba ghal likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq valur ta' €449,500. L-argument tar-rikorrenti hu li l-komunjoni tal-akkwisti ser tigi likwidata darba biss.

"Kull min ghandu nteress f'dan ir-rikors gie notifikat.

"Ir-Registratur wiegbet li ma ghandha l-ebda interess fl-ammont li eventwalment ser jigi ntaxxat, ghalkemm tirrileva li t-talba rikonvenzjonali hi kawza separata mit-

talba u awtonoma mir-rikors guramentat. Issostni li t-talba rikonvenzjonali ghandha tigi ntaxxa fuq il-valur tal-kontroversja.

“Wiegbu wkoll:-

“1. L-avukat Dr Kevin Mompalao li kien l-avukat li qieghed jassisti lir-rikorrenti, fejn iddikjara:-

“a. In-nullita` tar-rikors ghaliex m’huwiex iffirmat minn avukat kif jitlob l-Artikolu 178 tal-Kap. 12.

“b. It-taxxa hi korretta ghaliex it-talba rikonvenzjonali hi kawza separata mit-talba originali u jsiru eccezzjonijiet separate u tista’ tibqa’ tissussisti wkoll jekk it-talba originali tigi rinunzjata. Imbaghad hi l-qorti fil-kawza ta’ separazzjoni li ghandha tiddeciedi min mill-partijiet ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez. Gialadarba

“2. L-avukat Dr Anton Refalo li ressaq l-istess argumenti bhall-avukat Mompalao, izda fl-ahhar zied li f’kull kaz kien qieghed jirrimetti ruhu ghal gudizzju tal-qorti.

“Ghalkemm Mario Camilleri gie notifikat bir-rikors u attenda ghas-seduta tat-8 ta’ Jannar 2010, ma wegibx.

“Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

“1. Fl-4 ta’ Mejju 2009 Violet Camilleri pprezentat kawza ta’ separazzjoni kontra zewgha Mario Camilleri (**Violet Camilleri vs Mario Camilleri** – Rikors numru 9/2009). Permezz tat-tielet u raba talba talbiet it-terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u li l-gid jinqasam skond il-ligi. Ir-rikors guramenta iffirmah l-avukat Dr Kevin Mompalao.

“2. Fit-8 ta’ Gunju 2009 Mario Camilleri pprezenta risposta guramentata u fl-istess waqt ressaq talba rikonvenzjonali. It-tielet talba hi simili hafna ghat-tielet talba tar-rikors guramentat li pprezentat Violet Camilleri. Dan in kwantu Mario Camilleri qieghed jitlob il-

likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Ir-risposta guramenta u r-rikovenzjoni ffirmahom l-avukat Anton Refalo.

“3. Permezz ta’ risposta guramentata prezentata fis-26 ta’ Gunju 2009, Violet Camilleri wiegbet ghar-rikonvenzjoni. Permezz tat-tielet eccezzjoni ddikjarat li qatt ma opponiet il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u li kienet hi stess li qeghda titlobha.

“4. Fit-3 ta’ Novembru 2009 l-avukati pprezentaw nota konguntiva u ddikjaraw li l-valur tal-kawza hu ta’ €449,500.

“5. Fit-3 ta’ Novembru 2009 ir-Registratur tal-Qorti ntaxxat id-drittijiet tal-avukati *come ceduta*.

“6. Fil-11 ta’ Novembru 2009 l-avukat Dr Kevin Mompalao rrinunzja ghall-patrocinju ta’ Violet Camilleri.

“7. Fis-16 ta’ Novembru 2009 l-avukat Dr Kevin Mompalao pprezenta ittra ufficjali kontra Violet Camilleri fejn interpellaha thallas is-somma ta’ €7,395.74 bhala hlas ghas-servizzi professjonali fil-kawza ta’ separazzjoni, skond taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti. L-ittra ufficjali giet notifikata lil Violet Camilleri fl-1 ta’ Dicembru 2009.

“8. Fit-23 ta’ Novembru 2009 ir-rikorrenti pprezentat rikors fl-atti tal-kawza ta’ separazzjoni fejn talbet ir-ritassa. Permezz ta’ digriet moghti fl-24 ta’ Novembru 2009, il-qorti rriferiet ghall-Artikolu 64 u stiednet lir-rikorrenti sabiex tipprocedi skond l-imsemmi provvediment.

“**<u>Nullita’ tar-rikors ghaliex m’huwiex iffirmat minn avukat</u>**.

“L-Artikolu 179 tal-Kap. 12 jipprovdi:-

*“L-iskritturi u rikorsi guramentati jew le ghandhom ikunu iffirmati* ***mill-avukat*** *u, meta jkun hemm, minn prokuratur legali.”*

"Hu fatt li normalment parti tkun assistita minn avukat. Pero` jezistu l-eccezzjonijiet. Ir-rikorrenti spjegat kif fiz-zmien li pprezentat ir-rikors (30 ta' Novembru 2009) ma kenitx assistita minn avukat[1], ghalkemm fis-seduta kienet assistita minn avukat. B'daqshekk ifisser li parti m'ghandix jedd ghal smigh jew li jkollha toqghod iddur l-avukati kollha ta' Malta u Ghawdex sakemm issib, jekk issib, lil xi hadd dispost li jiddefendiha ? It-twegiba hi fin-negattiv. Wiehed irid jiftakar ukoll li procedura ta' ritassa trid issir f'terminu perentorju ta' tletin (30) jum. Il-qorti hi tal-fehma li l-Artikolu 179 tal-Kap. 12 ghandu japplika meta parti tkun assistita minn avukat. Il-qorti temmen li jekk kellha tilqa' l-eccezzjoni tal-avukati Mompalao u Refalo tkun qeghda ccahhad lir-rikorrenti mill-jedd taghha li tikkontesta t-taxxa mahruga mir-Registratur, iktar u iktar issa li ghadda z-zmien perentorju ghal finijiet ta' kontestazzjoni tat-taxxa. Dan ma ghandux ikun sempliciment ghaliex ir-rikors iffirmatu r-rikorrenti u mhux avukat, meta l-istess att ma fih l-ebda nuqqas. M'ghandnix ninsew ukoll li l-avukat jagixxi bhala mandatarju specjali tal-klijent tieghu. Inoltre l-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jikkontempla l-possibilta' li parti ma tkunx assistita minn avukat. Hekk per ezempju l-Artikolu 205 jipprovdi:-

*"(2) Il-qorti* ***tista'*** *tordna* ***lill-parti li ma tkunx assistita minn avukat biex tqabbad avukat****, jekk, fil-fehma tal-qorti, dik il-parti ma tistax tittratta l-kawza kif imiss; u jekk il-qorti tonqos li tqabbad avukat, il-qorti tahtar ghaldaqshekk wiehed mill-kuraturi ex officio maghzul kif ikun imiss skond l-elenku; jekk il-parti tirrifjuta taghti lill-avukat hekk mahtur l-informazzjoni mehtiega, il-qorti tista' tiddecidi l-kawza wara li tkun semghet dik ix-xiehda li l-qorti tista' tqis li tkun mehtiega"*.

"Hu ovvju li meta parti ma tkunx assistita minn avukat sa minn qabel tipprezenta l-att li bih jinghata bidu ghall-procediment, l-iskritturi mhux ser ikunu ffirmati minn avukat. Il-ligi stess taghti d-diskrezzjoni lill-qorti jekk

[1] Seduta tat-8 ta' Jannar 2010.

ghandix tordna lill-parti biex tinkariga avukat fejn *"....fil-fehma tal-qorti, dik il-parti ma tistax tittratta l-kawza kif imiss."*. Dan ikompli jsahhah il-fehma tal-qorti li l-fatt li r-rikors ma kienx iffirmat minn avukat, ma jistax iwassal ghan-nullita' tal-att.

"**Talba li saret fir-rikors guramentat u rikonvenzjoni ghal likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi ntaxxata darbtejn *ad valorem* ?**

"Minkejja li l-kawza ta' separazzjoni ghadha pendenti, l-avukat Mompalao xorta ghandu l-jedd li f'dan l-istadju jitlob li jithallas ghas-servizzi professjonali. F'dan il-kuntest hi rilevanti d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: (sic)

*"Id-dritt normali huwa dak li r-Registratur tal-Qorti jkun jista' jistabilixxi f'dak l-istadju tal-kawza mill-atti tal-kawza skond ir-regoli kontenuti fl-istess Kodici ta' Procedura. Imkien ma jissemma li l-Avukat in kwistjoni ghandu jistenna l-ezitu finali tal-proceduri li taghhom ikun qed jirreklama dak il-kumpens. Lanqas ma hu hekk mistenni minnu tant hu hekk li skond il-prassi avukat iehor ma jkunx intitolat li jassumi l-patrocinju tal-klient hekk abbandunat qabel ma jigu saldati d-drittijiet ta' l-avukat precedenti"*.

"Mill-atti tal-kawza **Violet Camilleri vs Mario Camilleri** (Rikors numru: 9/2009) jirrizulta li d-dritt tal-avukat gie ntaxxat darbtejn fuq bazi *ad valorem*, cjoe' fuq il-kawza li pprezentat l-attrici u r-rikonvenzjoni li pprezenta l-konvenut. Dan jirrizulta mill-parti ta' gewwa tal-qoxra tal-process tal-kawza ta' separazzjoni fejn gie kalkolat dritt li gie ntaxxat *ad valorem* fl-ammont ta' €3,361.60 fir-rigward tar-rikors guramentat, u dritt identiku fir-rigward tar-rikonvezjoni. Dan dejjem b'riferenza ghat-talbiet dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u divizjoni tal-gid.

"Paragrafu 33 tat-Tariffa E jipprovdi li meta avukat jabbanduna lill-klijent:-

“(a) Wara li r-rikors jew risposta tkun prezentata, ikun dovut terz tad-dritt normali; u

“(b) Wara dawn l-istadji u qabel il-kawza tigi differita ghas-sentenza, ikun dovut zewg terzi tad-dritt normali;

“M’hemmx dubju li rikonvenzjoni tiswa daqs kawza. Tant hu hekk li jekk l-attur jirrinunzja ghall-atti, il-konvenut ghandu l-jedd li jitlob li tigi deciza l-kontro-talba. Jedd li ma jezistix jekk ma tkunx saret rikonvenzjoni u l-attur jirrinunzja ghall-kawza bla kondizzjoni. Pero` hu minnu wkoll li f’kaz ta’ rikonvezjoni qieghed isir process wiehed u t-talba originali u l-kontro-talba jigu decizi **fl-istess kawza** (Artikolu 397 tal-Kap. 12).

“Skond il-paragrafu 16 ta’ Tariffa E, *“f’kawzi ta’ divizjoni ta’* proprjeta` *indipendentement mill-ghadd ta’ talbiet li jkun hemm fir-rikors* ***ghandu jigi intaxxat dritt wiehed biss ad valorem*** *bhal fil-paragrafu 13 fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-*proprjeta` *li ghandha tigi maqsuma.”*. Ghalkemm hu minnu li:-

“(a) F’kawza ta’ separazzjoni ma ssirx biss id-divizjoni tal-gid tal-komunjoni tal-akkwisti, il-firda ggib maghha t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tal-gid bejn il-konjugi. Dan l-ezercizzju hu wiehed mill-oggetti principali tal-kawza.

“(b) Paragrafu 16 isemmi “rikors”, pero` l-qorti hi tal-fehma li daqstant iehor ghandu japplika meta t-talbiet jirrizultaw minn rikonvenzjoni. Ir-raguni wara din ir-regola jidher li hu li rrispettivament min-numru ta’ talbiet li jkollhom x’jaqsmu ma’ valur, fir-realta’ fil-process ta’ divizjoni jsir ezercizzju wiehed li permezz tieghu ssir il-likwidazzjoni tal-proprjeta kollha li ghandha tinqasam. Permezz tal-likwidazzjoni jigi stabbilit il-valur tal-proprjeta`, u d-dritt jigi ntaxxat fuq dak il-valur ghal darba wahda biss. Ragunament li l-qorti temmen li ghandu japplika wkoll fil-kaz ta’ likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u divizjoni tal-gid bejn il-konjugi.

“Inoltre, fis-sentenza il-qorti taghti decizjoni wahda dwar it-talbiet relatati mat-terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-mod kif ghandha ssir id-divizjoni.  Dan irrispettivament ta’ kemm-il talba ssir f’dan ir-rigward.  Hu fatt li fil-gurispurdenza hu rikonoxxut li:-

“(a)  It-tassazzjoni tal-onorarju tal-avukat u drittijiet tar-registru huma bazati fuq id-domandi li jsiru;

“(b)  Wiehed m’ghandux jillimita ruhu ghad-domanda li ssir fl-att gudizzjarju li bih tinbeda l-kawza, izda ghandu jara wkoll s-sens tal-kompless tal-kontroversja li fuqha ghandha tinghata decizjoni;

“pero` paragrafu 14 ta’ Tariffa E, jaqra:-*“Meta* ***dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta’ xi punt ta’ ligi jew ta’ fatt,*** *ikollha x’taqsam ma’ valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process,* ***id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni*** *jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.”*.  Hu evidenti li d-dritt jithallas ghad-decizjoni li taghti l-qorti, kemm jekk ikun dwar xi punt ta’ fatt jew ta’ dritt.  Fis-sentenza l-qorti ser tkun qeghda tiddeciedi t-talbiet li jirrelataw ghall-komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara l-konsistenza taghha u cjoe’ l-valur tal-proprjeta.  Id-dritt ghal **tali decizjoni** hu regolat mill-paragrafu 13 tat-Tariffa E.  Dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, li hu punt ta’ fatt, id-decizjoni hi wahda rrispettivament min-numru ta’ talbiet u jekk saritx rikonvenzjoni.

“Ghal din il-qorti m’ghandux ikun li d-dritt tal-avukat jigi ntaxxat darbtejn *ad valorem* ghal ezercizzju li ser isir **darba biss u li dwaru tinghata decizjoni wahda, u iktar u iktar meta bazat fuq talbiet identici**.  Ghalkemm l-avukat Mompalao argumenta li jekk saru talbiet identici, il-parti li ghamlithom ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez, dan ma jiggustifikax li l-onorarju tal-avukat jigi ntaxxat darbtejn *ad valorem* ghall-istess haga u fl-istess process.

“Finalment issir riferenza ghall-argument tar-rikorrenti, li ma ssemmix fir-rikors promotur, li l-valuri dikjarati fin-nota

prezentata fit-3 ta' Novembru 2009[2] huma eccessivi. Il-qorti, li kellha l-opportunita' li tisma' lill-partijiet u tara l-atti, m'hijiex tal-fehma li l-valur tal-proprjeta` dikjarat mid-difensuri tal-partijiet hu eccessiv.

"**Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti u thassar it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti u tordna li r-rikovenzjoni in kwantu tirreferi ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qsim tal-gid, ma tigix intaxxata *ad valorem*.**

"**Spejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa.**""

"**<u>L-APPELL TAL-AVUKAT DOTTOR KEVIN MOMPALAO BHALA TERZ INTERESSAT</u>**

"2.1. L-Avukat Dr. Kevin Mompalao, bhala terz interessat, hassu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha, ghal fini ta' revoka taghha.

"2.2. L-aggravji tieghu, in succint, huma dawn li gejjin:

(i) "illi l-ewwel eccezzjoni tieghu dwar in-nullita` tar-rikors promotorju ta' Violet Camilleri in kwantu dan l-att ma kienx gie iffirmat minn avukat hija eccezzjoni valida, u kwindi messha giet milqugha mill-ewwel Qorti u mhux michuda. L-Artikolu 178 tal-Kap. 12 huwa wiehed car u tassattiv dwar dan. Ir-riferenza maghmula mill-ewwel Qorti ghall-Artikolu 205 ma kenitx flokha u l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti, in gustifikazzjoni ta' dak li hija ddecidiet, kienet ghalhekk wahda mgebbda, zbaljata kif ukoll proceduralment perikoluza.

(ii) "Bla pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li t-talba rikonvenzjonali m'ghandhiex tigi intaxxata wkoll *ad valorem*, ghaliex kontro-talba tammonta ghal kawza ghaliha nnifisha. It-talba originali hija kkunsidrata separatament mill-kontrotalba.

[2] Fol. 343.

"**IR-RISPOSTA TAL-APPELLATA VIOLET CAMILLERI**

"3.1. In linea preliminari, l-appellata sostniet li l-appell interpost huwa irritu u null billi gie pprezentat wara t-terminu ta' sitt ijiem prefiss mil-ligi minn digriet interlokutorju.

"3.2. In linea preliminari wkoll, l-appell hu null "billi dan l-appell huwa ta' din il-Qorti fil-kompetenza taghha inferjuri stante li l-pretensjoni tal-appellant ma teccedix l-ammont ta' €11,646.87."

"3.3. Fil-mertu, l-Artikolu 178 tal-Kap. 12 ma jikkontempla ebda nullita` - *ubi lex voluit dixit*. L-appellata kellha biss terminu perentorju ta' xahar biex tikkontesta t-taxxa tal-ispejjez gudizzjarji mahruga mir-Registratur. La darba ebda avukat ma accetta li jidhol flok l-appellant ghal ragunijiet ta' etika professjonali, u stante l-pressjoni ingustifikata min-naha tal-appellant li jithallas qabel jawtorizza rilaxx tal-inkarigu tieghu favur avukat iehor, l-appellata sfat kostretta li tipprezenta hi l-att impunjat.

"3.4. Fl-ahharnett, ukoll fil-mertu, id-dritt tal-avukat ma kellux jigi intaxxat darbtejn *ad valorem*, trattandosi ta' process wiehed, bl-istess talbiet ripetuti, jigifieri dawk dwar il-likwidazzjoni u d-decizoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

"4. L-appellat intimat Registratur tal-Qorti ma intavola ebda risposta bil-miktub ghar-rikors ta' appell.

"**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

"5. Fis-seduta tat-12 ta' April, 2010, quddiem din il-Qorti, l-avukat Dr. Mario Xerri ghall-appellata Violet Camilleri ddikjara li ma kienx ghadu jinsisti fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari msemmijin fir-risposta tal-istess Camilleri fl-ewwel zewg paragrafi – li frankament fil-fehma ta' din il-Qorti kienu privi minn kull fondament guridiku – u ghalhekk dawn iz-zewg eccezzjonijiet gew

irtirati. Fadal allura x'jigi rizolt il-mertu proprju tal-vertenza li huwa wiehed dupplici, jigifieri,

(i) "in-nullita` o meno tar-rikors promotorju kif ipprezentat; u

(ii) "jekk, darba li jirrizulta li ma hemmx nullita`, jekk it-taxxa mahruga mir-Registratur kenitx wahda valida u legalment korretta.

"6. Il-fatti tal-kaz jinsabu riportati kjarament mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, inkorporata f'din id-decizjoni u, ghalhekk, mhux il-kaz li dawn jergghu jigu ripetuti *in extenso*.

"Jinghad biss li huwa pacifiku li l-appellant Dottor Mompalao kien jippatrocina lill-appellata Violet Camilleri f'kawza ta' separazzjoni u li fiha giet intavolata kontro-talba mir-ragel taghha. Fil-kors tal-kawza Dottor Mompalao irrinunzja ghall-patrocinju tal-klijenta tieghu u ordna taxxa gudizzjarja tal-ispejjez professjonali tieghu u l-ispejjez l-ohra kollha ancillari. L-appellat Registratur tal-Qorti hareg taxxa in data tat-3 ta' Novembru, 2009, bi dritt dovut (kawza *come ceduta*) lill-avukat Mompalao, ghas-somma ta' €7,395.74c. Fis-16 ta' Novembru, 2009 l-Avukat Dr. Mompalao pprezenta ittra ufficjali kontra l-ex-klijenta tieghu biex hija thallsu din is-somma fi zmien jumejn. L-appellata Camilleri dehrilha li dan id-dritt mhux biss kien wiehed eccessiv imma lanqas gustifikat jew korrett. Ghalhekk hija ddecidiet li tikkontesta din it-taxxa ufficjali entro t-terminu perentorju ta' tletin (30) jum, izda tghid li ebda avukat ma ried "jidhol" minflok Dr. Mompalao qabel dan jithallas u jirrilaxxja l-"file" taghha. Allura, u bl-ghajnuna "ta' xi hbieb fir-registru" hija pprezentat ir-rikors promotorju *di proprio pugno* ghax inkella kien jiskadielha t-terminu perentorju u ghaliex ukoll hija ma kellhiex minn fejn thallas dak il-mument id-dritt spettanti lill-ex-patrocinant legali taghha.

"7. Evidentement din il-kawza kienet tinvolvi zewg stadji biex tirnexxi min-naha tal-appellata Violet Camilleri u fil-fatt l-ewwel Qorti akkoljiet dawn iz-zewg stadju b'ezitu

favorevoli ghaliha: wiehed dwar il-procedura uzata u l-iehor fil-mertu.

"L-ewwel Qorti wara li – zbaljatament – ghamlet riferenza ghall-Artikolu 179 tal-Kap. 12, minflok jigifieri ghall-Artikolu 178(1) kif suppost (x'aktarx minhabba *lapsus calami*), gibdet analogija minn dak li hemm fl-Artikolu 205 tal-istess Kap. 12, qieset imbaghad illi "l-istess att ma fih l-ebda nuqqas", u wara li affermat inoltre li hija kienet temmen "li jekk kellha tilqa' l-eccezzjoni tal-avukati Mompalao u Refalo tkun qeghda ccahhad lir-rikorrenti mill-jedd taghha li tikkontesta t-taxxa mahruga mir-Registratur, iktar u iktar issa li ghadda z-zmien perentorju ghal finijiet ta' kontestazzjoni tat-taxxa", iddecidiet finalment "li l-fatt li r-rikors ma kienx iffirmat minn avukat, ma jistax iwassal ghan-nullita` tal-att".

"8. Issa jekk ir-riferenza ghall-Artikolu 179 tal-Kap. 12, min-naha tal-ewwel Qorti, kienet biss rizultat ta' zvista, ghaliex proprjament ir-riferenza korretta kellha tkun ghall-artikolu precedenti, jigifieri l-Artikolu 178(1), mhux l-istess jista' jinghad ghas-sensiela ta' zbalji jew skorrettezzi li jikkaratterizzaw – sfortunatament – il-procedura in ezami tista' tghid mill-bidu sal-ahhar. Din il-Qorti sejra telenka dawn l-iskorrettezzi procedurali li fil-fehma taghha, huma gravi u serji bizzejjed biex jirrendu s-sentenza appellata nulla, jigifieri:-

i) "Meta l-appellata Violet Camilleri pprezentat ir-rikors promotorju li ta lok ghal din il-procedura, dan kien jikser dak li hemm ipprovdut espressament fl-Artikolu 178(1) tal-Kap. 12, jigifieri li,

"L-iskritturi u rikorsi guramentati jew le ghandhom ikunu ffirmati mill-avukat, u, meta jkun hemm, minn prokuratur legali".

"Dan wahdu gia` jirrendi l-att promotorju bhala wiehed irritu u potenzjalment ukoll wiehed null.

ii) "Fit-tieni lok, ir-Registratur tal-Qrati – l-intimat – ma messux accetta li jircievi tali skrittura ghaliex dan id-divjet

tassattiv jinsab imnizzel espressament fl-Artikolu 184(1) tal-Kap. 12 li jipprovdi hekk:

"Meta tinqala' id-diffikulta` dwar il-prezentata ta' skrittura, ir-registratur ghandu jgharraf b'dan lill-parti interessata, izda ma jistax jirrifjuta li jircievi l-iskrittura, hlief meta dan il-Kodici espressament jordna jew jaghti s-setgha lilu li jaghmel hekk. Fil-kaz ta' diffikulta` bhal din, hu ghandu, mill-aktar fis, jaghmel rapport lill-Qorti, u din taghtih l-ordnijiet mehtiega sabiex fuqhom huwa jimxi. Izda hu ghandu jirrifjuta li jircievi skrittura li tkun tikser bic-car id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 174, 176 u 178." (Sottolinear tal-Qorti).

"9. Isegwi mela illi l-accettazzjoni, da parti tal-intimat, tar-rikors promotorju wkoll kienet proceduralment irritwali.

iii) "Izda minn barra s-suespost, hemm imbaghad difetti ohrajn gravi ta' natura procedurali wkoll.

Jekk wiehed jezamina sew l-atti tal-kawza jinduna mill-ewwel li r-rikors promotorju gie korrettement istitwit, imqar jekk bla firma necessarja, kontra r-Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) *qua* intimat.

"Isegwi allura illi intimat kien hemm wiehed u mhux tlieta. Bil-fatt li l-Qorti ordnat ukoll in-notifika tar-rikors promotorju lill-avukat tal-partijiet, fosthom l-odjern appellant, ma kienx ifisser li dawn saru parti fil-procedura. Fi kliem tekniku, ma kellhomx *locus standi* fil-kawza. Madankollu, dawn mhux biss thallew idahhlu risposta formali bil-miktub imma talli l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi hadet kont u ddeliberat dwar ir-risposti taghhom, minkejja li dawn ma kenux parti. Bizzejjed jigi nnutat illi anke l-okkju tal-kawza baqa' invarjat, jigifieri b'intimat ossia konvenut wiehed.

"10 Huwa ovvju illi li kieku kien hemm talba ghall-kjamata fil-kawza ta' dawn iz-zewg persuni jew talba biex huma jintervjenu *in statu et terminis*, u din it-talba tkun giet milqugha, il-pozizzjoni taghhom fil-kawza kienet tkun wahda ritwali u korretta. Imma darba li ebda wahda minn

dawn il-proceduri ma tirrizulta li giet addottata, dawn ghandhom jigu estromessi mill-atti tal-kawza.

iv) “Stabbilit mela li l-intimat kien unikament ir-Registratur tal-Qrati, wiehed jinnota li dan ma ressaq ebda eccezzjoni dwar nullita` o meno, kif invece gie eccepit miz-zewg difensuri legali surreferiti li lanqas biss kellhom locus standi li jippartecipaw fl-atti *qua* intimati.

v) “Anke li kieku, in pessima ipotesi, kellhom jigu ammessi r-risposti tal-avukati Refalo u Mampalao *qua* intimati – li ma kinux – l-eccezzjoni taghhom dwar nullita` kien messha giet deciza b’kap separat ghaliha – hekk ara l-Artikolu 730 tal-Kap. 12.

vi) “Fl-ahharnett jigi rilevat li a tenur tal-Artikolu 98 tal-Kap. 12:

“L-atti gudizzjarji, maghmulin bis-sahha ta’ att null jew li gejjin minn att null, huma wkoll nulli.”

“Rinfaccjata bl-ostakoli procedurali fuq elenkati, huwa difficli ghall-Qorti li tqis id-decizjoni bhala wahda valida. Li huwa cert hu dak li l-inkluzjoni taz-zewg avukati *qua* intimati ma saritx b’mod korrett jew accettabbli u l-istess jinghad ghall-mod kif inghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti.

“Fic-cirkostanzi ghalhekk, din il-Qorti qeghda tiddeciedi li

“(3) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata;

“(2) b’dan li tordna l-isfilz tar-risposti tal-Avukati Refalo u Kevin Mompalao mill-atti tal-kawza inkwantu dawn m’ghandhomx *locus standi* fil-kawza;

“(3) tirrimetti l-atti tal-kawza lura quddiem il-Qorti tal-ewwel grad;

“(4) tidderiegi lill-ewwel Qorti biex tkompli tikkunsidra s-smigh tal-kawza mill-mument li dahlet ir-risposta tal-intimat Registratur tal-Qrati minghajr ma tqis ir-risposti ta’

terzi bhala eccezzjonijiet veri u proprji; u fit-tieni lok, tikkunsidra wkoll jekk, darba li l-intimat Registratur ma ssollevax in-nullita` tal-att promotroju (eccezzjoni difficilment proponibbli tenut kont tal-fatt li huwa stess ammetta l-prezentata tar-rikors), jekk huwiex il-kaz li, bl-addezjoni tal-intimat Registratur, l-imsemmija appellata Violet Camilleri tinghata fakolta` ta' assistenza legali b'mod li l-att relattiv jigi ffirmat u sanat skont il-ligi;

"(5) darba li jkun rizolt dan il-punt ta' tluq, il-kawza tigi deciza fil-mertu, jigifieri dwar jekk it-taxxa nhadmitx korrettement jew le.

"Fic-cirkostanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

**Talba ghar-ritrattazzjoni.**

Ir-Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) b'rikors ipprezentat fl-1 ta' Ottubru, 2010 ai termini tal-Artikolu 811 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ddikjara li hu *"jixtieq jitlob ir-revoka ta' din is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-2 ta' Lulju, 2010 u dan ghar-ragunijiet li gejja.*

*"Illi dina l-Onorabbli Qorti qatt ma messha stiednet lill-ewwel Qorti sabiex tara 'jekk huwiex il-kaz li, bl-addezjoni tal-intimat Registratur, l-imsemmija appellata Violet Camilleri tinghata fakolta` ta' assitenza legali b'mod li l-att relattiv jigi ffirmat u sanat skond il-ligi.' Illi l-kwistjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti kienetx (sic) jekk hemmx lok illi t-taxxa rilaxxata mill-esponenti tigi riformata jew le u xejn aktar. Gialadarba l-avukat Kevin Mompalao u l-avukat Anton Refalo gew meqjusa bhala neqsin mil-locus standi u r-risposta taghhom giet sfilzata, huwa inkoncepibbli illi din l-Onorabbli Qorti naqset illi tiddeciedi jekk ir-rikors promotur kienx null jew le ghalkemm stqarret:*

*1) Meta l-appellata Violet Camilleri pprezentat ir-rikors promotorju li ta' lok ghal din il-procedura, dan kien jikser dak li hemm ipprovdut espressament fl-Artikolu 178(1) tal-Kap 12, jigifieri li, "L-iskritturi u rikorsi*

*guramentati jew le ghandhom ikunu ffirmati mill-avukat, u, meta jkun hemm, minn prokuratur legali.”*

*“Dan wahdu gia` jirrendi l-att promotorju bhala wiehed irritu u potenzjalment ukoll wiehed null”*

*2) Fit-tieni lok, ir-Registratur tal-Qrati – l-intimat – ma messux accetta li jircievi tali skrittura ghaliex dan id-divjet tassattiv jinsab imnizzel espressament fl-Artikolu 184(1) tal-Kap 12.”*

Dan premess l-appellant kompla hekk:
“*Illi in vista ta’ dina l-analizi inekwivoka ta’ dina l-Onorabbli Qorti, dina l-Onorabbli Qorti kellha tiddeciedi jekk tqanqalx l-eccezzjoni tan-nullita` ex officio stante li din hi materja ta’ ordni pubbliku u tiddeciedi jekk ir-rikors promotorju huwiex irritu u null jew le. Imma dina l-Onorabbli Qorti ma kellhiex il-poter illi tordna illi l-ewwel Qorti tara jekk l-esponenti jistax imur kontra d-disposizzjonijiet cari tal-ligi ccitati mill-istess Onorabbli Qorti u jippermetti illi tigi sanata l-posizzjoni procedurali tar-rikorrenti meta tali sanatorja imkien m’hi kontemplata jew permess mil-ligi.”*

Konsegwentement ir-ritrattand talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza billi din hija vizzjata ai termini tal-artikolu 811(e), (f) u (g).

L-Artikolu 811 jiddisponi li kawza deciza b’sentenza moghtija fi grad ta’ appell jew mill-Qorti Civili, Prim’ Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista`, fuq talba ta’ wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza:

(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt ikun tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;

(f) jekk is-sentenza tkun giet moghtija fuq haga mhix imdahhla fit-talba;

(g) jekk bis-sentenza jkun gie moghti izjed minn dak li ntalab;

L-Artikolu 816 jiddisponi inoltre li "*meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.*"

**Ikkunsidrat:**

Minn ezami akkurat tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Lulju, 2010 jidher car li l-Qorti ezaminat bir-reqqa dak kollu li kien sehh quddiem il-Qorti ta' Prim Istanza. Infatti mhux biss irrilevat n-nullita` potenzjali tal-proceduri minhabba n-nuqqas ta' addezjoni ma' dak li jitlob l-Artikolu 178(1) tal-Kap.12, talli rrilevat ukoll diversi difetti ohra li setghu jwasslu ghal dikjarazzjoni ta' nullita` tas-sentenza – ara f'dak r-rigward il-paragrafi i) sa vi) a fol. 12 sa 14 tas-sentenza. Illi dawn id-difetti ma jolqtux il-mertu tal-kaz li, kif osserva ben tajjeb ir-ritrattand, jikkoncerna l-validita` o meno tat-taxxa rilaxxjata minnu stess, izda huma nuqqasijiet ta' natura procedurali u kif inhu ben risaput huwa odjuz li kawza tigi mwarrba minhabba difetti procedurali meta dawn jistghu jigu sanati u b'hekk il-mertu proprju jigi trattat.

Huwa minnu li dawn il-proceduri gew istitwiti, mankanti l-firma ta' avukat, bi ksur ta' dak li jipprovdi tassattivament l-Artikolu 178(1) tal-Kap 12, biss kif irrizulta dan sar bl-akwiexxenza u sahansitra l-intervent attiv tal-istess intimat jew subalterni tieghu, liema intervent seta' zgwida lill-istess rikorrenti u gieghlha thossha komda li ma kinitx qed tikser xi ligi procedurali. Tant gara hekk li l-istess intimat qaghad lura milli jressaq eccezzjoni ta' nullita` minhabba dan in-nuqqas billi tali eccezzjoni kienet tirridonada fuqu gialadarba huwa tenut bil-ligi li ma jaccettax atti mhux skont kif tipprovdi l-ligi. Kien ghalhekk gust u espedjenti dak li ghamlet din il-Qorti fis-sentenza fuq riprodotta billi b'dan il-mod il-partijiet regghu tqeghdu f'pozizzjoni li jigi diskuss il-mertu proprju.

Jigi osservat inoltre li meta fis-sentenza msemmija jinghad li tehtieg l-"*addezjoni tal-intimat*" dan kien qed jinghad tenut kont tal-assjem tal-fatti kollha tal-kaz, mhux l-icken, in-nuqqas tal-istess Registratur meta laqa' l-att difettuz. Biss din l-addezjoni giet dejjem soggetta ghad-diskrezzjoni u awtorita` tal-ewwel Qorti li tara "*jekk huwiex il-kaz, bl-addezjoni tal-intimat Registratur, l-imsemmija appellata Violet Camilleri tinghatha fakolta` ta' assistenza legali…..*". B'dan il-mod din il-Qorti mhux biss kienet qed tohloq il-possibilita` li tigi ssanata l-pozizzjoni tar-rikorrenti, izda kienet qed taghmel l-istess fil-konfront tal-intimat appellant.

Jidher ghalhekk li t-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija mhux gustifikata u ghalhekk qed tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra r-ritrattand.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------